REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1709

tat-23 ta' Settembru 2021

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 f'dak li għandu x'jaqsam ma' arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 18(8) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli għall-kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħra li jwettqu l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri sabiex tiġi vverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni, fost oħrajn fil-qasam tas-sikurezza tal-ikel f'kull stadju tal-produzzjoni, tal-ipproċessar u tad-distribuzzjoni. B'mod partikolari, jipprevedi kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' prodotti mill-annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem.

(2) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 ([2]) jistabbilixxi r-regoli dwar l-arranġamenti prattiċi għat-twettiq tal-kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali f'konformità mal-Artikolu 18(8) tar-Regolament (UE) 2017/625.

(3) Mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 fl-14 ta' Diċembru 2019, l-esperjenza tal-implimentazzjoni prattika ta' dan ir-Regolament uriet li tenħtieġ aktar ċarezza f'ċerti dispożizzjonijiet legali, b'mod partikolari rigward ċerti arranġamenti prattiċi għall-ispezzjonijiet *post-mortem* u metodi magħrufa għad-detezzjoni ta' bijotossini marini fil-molluski bivalvi.

(4) Rigward l-arranġamenti prattiċi għall-ispezzjonijiet *post-mortem*, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 ma jispeċifikax min irid iwettaq l-arranġamenti prattiċi addizzjonali għall-ispezzjonijiet *post-mortem* f'każ ta' riskju potenzjali għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali. Fl-Artikolu 18(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625, issupplimentat bl-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 ([3]), diġà hemm stabbilit liema wieħed, bejn il-veterinarju uffiċjali u l-awżiljarju uffiċjali, jenħtieġ li jwettaq l-ispezzjoni *post-mortem*, u għaldaqstant dan mhuwiex meħtieġ fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627. Barra minn hekk, jenħtieġ li tiġi evitata duplikazzjoni tar-rekwiżit għall-qtugħ tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali fl-Artikolu 19(1)(b) u (2)(b).

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627 tal-15 ta' Marzu 2019 li jistabbilixxi arranġamenti prattiċi uniformi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq prodotti mill-annimali maħsuba għall-konsum mill-bniedem skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2074/2005 fir-rigward tal-kontrolli uffiċjali (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 51).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2019/624 tat-8 ta' Frar 2019 rigward ir-regoli speċifiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fuq il-produzzjoni tal-laħam u għaż-żoni ta' produzzjoni u fejn jinżammu l-molluski bivalvi ħajjin skont ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 131, 17.5.2019, p. 1)

(5) Barra minn hekk, ir-rekwiżiti għall-ispezzjoni *post-mortem* tal-kaċċa mrobbija fihom id-duplikazzjonijiet, b'mod partikolari rigward ir-rekwiżiti li japplikaw għall-familja *Suidae*. Jenħtieġ li r-rekwiżiti jiġu ċċarati iżjed biex l-implimentazzjoni tar-Regolament tkun aktar faċli.

(6) Sa mill-14 ta' Diċembru 2019, l-Artikolu 22 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 ([4]) tħassar permezz tar-Regolament (UE) 2017/625. Il-miżuri, imniżżlin f'dak l-Artikolu, li kellhom jittieħdu f'każijiet ta' nonkonformità mar-rekwiżiti għat-trattament xieraq tal-annimali, kienu sostitwiti minn dispożizzjonijiet fl-Artikolu 138 tar-Regolament (UE) 2017/625. Għaldaqstant, ir-referenza fl-Artikolu 44(1) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 għall-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009 jenħtieġ li jitħassar skont dan.

(7) L-Artikolu 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jistabbilixxi l-kundizzjonijiet għat-tqegħid tal-marki tas-saħħa. Dawn il-kundizzjonijiet diġà huma stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 ([5]) fil-każ li jkun irid isir ittestjar għat-*Trichinella*, u fir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]) għall-ittestjar għall-enċefalopatija sponġiformi trażmissibbli (TSE). Għall-finijiet taċ-ċarezza jixraq li l-kliem ikkonċernat fl-Artikolu 48 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jiġi sostitwit b'referenzi għar-Regolamenti rilevanti.

(8) L-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([7]) jeżiġi li l-Istati Membri jiżguraw li kull meta jkun possibbli jużaw metodu li ma jinvolvix li jintużaw annimali ħajjin. Il-prattika tal-użu tal-ġrieden għall-bijoassaġġ jenħtieġ li ma titkompliex meta wieħed iqis li għad-detezzjoni tat-tossini tal-avvelenament mill-frott tal-baħar bil-qoxra paralizzanti jeżisti l-metodu alternattiv Standard EN 14526, li jikkonforma mal-kundizzjonijiet tal-Artikolu 4 tad-Direttiva 2010/63/UE.

(9) Il-molluski bivalvi ħajjin li jitqiegħdu fis-suq ma għandux ikun fihom bijotossini marini li jaqbżu l-limiti stabbiliti fil-Kapitolu V(2) tat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([8]). Rigward il-Pektenotossini (PTX), l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-EFSA) kkonkludiet li ma jeżistux rapporti dwar effetti avversi assoċjati mal-grupp ta' tossini Pektenotossini (PTX) fil-bnedmin ([9]). Billi l-PTX tħassru mir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1374 ([10]),għall-molluski bivalvi ħajjin bħala standard għas-saħħa, jixraq li jitħassru wkoll mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627.

(10) Il-prodotti tas-sajd li jiġu mill-akkwakultura jridu jiġu ttestjati f'konformità mad-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([11]) u mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE ([12]) rigward il-kontaminanti u l-pestiċidi. Jenħtieġ li l-prodotti tas-sajd selvaġġi li jinqabdu mill-ilma miftuħ jiġu ttestjati wkoll biex tiġi stabbilita l-konformità rigward il-kontaminanti f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 ([13]). Jenħtieġ li l-leġiżlazzjoni attwali tiġi emendata skont dan.

(11) Jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 jiġi emendat skont dan.

(12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

---

([4]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009 tal-24 ta' Settembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-annimali waqt il-qatla (ĠU L 303, 18.11.2009, p. 1).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

([6]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 999/2001 tat-22 ta' Mejju 2001 li jistabblixxi regoli għall-prevenzjoni, kontroll u eradikazzjoni ta' ċertu enċefalopatija sponġiformi li tinxtered(ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1).

([7]) Id-Direttiva 2010/63/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-protezzjoni tal-annimali li jintużaw għal skopijiet xjentifiċi (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 33).

([8]) Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta'ġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139 30.4.2004, p. 55).

([9]) https://doi.org/10.2903/j.efsa.2009.1109

([10]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2021/1374 tat-12 ta' April 2021 li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 297, 20.8.2021, p. 1).

([11]) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE tad-29 ta' April 1996 dwar miżuri għall-monitoraġġ ta' ċerti sustanzi u residwi tagħhom f'annimali ħajjin u prodotti tal-annimali u li tħassar id-Direttivi 85/358/KEE u 86/469/KEE u d-Deċiżjonijiet 89/187/KEE u 91/664/KEE (ĠU L 125, 23.5.1996, p. 10).

([12]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/747/KE tas-27 ta' Ottubru 1997 li tiffissa l-livelli u l-frekwenzi tat-teħid tal-kampjuni provduti fid-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE sabiex jiġu monitorjati ċerti sustanzi u l-fdalijiet tagħhom f'ċerti prodotti mill-annimali (ĠU L 303, 6.11.1997, p. 12).

([13]) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1881/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li tiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (ĠU L 364, 20.12.2006, p. 5).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 huwa emendat kif ġej:

(1) Fl-Artikoli 18(3), 19(2), 20(2), 21(2), 22(2) u 23(2), is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"F'konformità mal-Artikolu 24, meta jkun hemm indikazzjonijiet tal-possibbiltà ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali, il-proċeduri għall-ispezzjonijiet *post-mortem* għandhom jitwettqu f'konformità mal-Artikolu 18(2)(c) tar-Regolament (UE) 2017/625 u mal-Artikoli 7 u 8 tar-Regolament Delegat (UE) 2019/624, bil-qtugħ u l-palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni."

(2) Fl-Artikolu 19(2)(b), jitħassar il-kliem "inċiżjoni tan-nodi limfatiċi tal-bronki u dawk medjastinali (*Lnn. bifurcationes, eparteriales u mediastinales*);

3. Fl-Artikolu 24, is-sentenza introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej:

"Meta, fil-fehma tal-veterinarju uffiċjali, ikun hemm il-possibbiltà ta' riskju għas-saħħa tal-bniedem, għas-saħħa tal-annimali jew għat-trattament xieraq tal-annimali indikat minn wieħed minn dawn li ġejjin, il-proċeduri addizzjonali għall-ispezzjonijiet *post-mortem* imsemmijin fl-Artikoli 18(3), 19(2), 20(2), 21(2), 22(2) u 23(2) għandhom jitwettqu permezz tal-qtugħ u l-palpazzjoni tal-karkassa u tal-ġewwieni:"

4. fl-Artikolu 27(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(c) fil-każ ta' ungulati oħrajn tal-kaċċa li mhumiex koperti mil-punti (a) u (b) il-proċeduri *post-mortem* għall-annimali bovini stabbiliti fl-Artikolu 19";

5. Fl-Artikolu 44, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. F'każijiet ta' nonkonformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tal-annimali fil-ħin tat-tbiċċir jew tal-qtil stabbiliti fl-Artikoli 3 sa 9 u fl-Artikoli 14 sa 17, u fl-Artikolu 19 tar-Regolament (KE) Nru 1099/2009, l-uffiċjal veterinarju għandu jivverifika li l-operatur tan-negozju tal-ikel jieħu minnufih il-miżuri korrettivi meħtieġa u jipprevjeni r-rikorrenza."

6. Fl-Artikolu 48(2), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(a) fejn ma jkunx hemm raġuni biex il-laħam jiġi ddikjarat mhux tajjeb għall-konsum mill-bniedem, f'konformità mal-Artikolu 18(2)(a), (b) u (c) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-marka tas-saħħa tiġi applikata biss fuq ungulati domestiċi u fuq mammiferi mrobbija tal-kaċċa minbarra l-lagomorfi, li jkunu għaddew minn spezzjoni *ante-mortem* u *post-mortem*, u fuq kaċċa selvaġġa kbira li tkun għaddiet minn spezzjoni *post-mortem*. Madankollu, il-marka tista' tiġi applikata qabel ma jkunu disponibbli r-riżultati ta' xi eżaminazzjoni, kemm-il darba ssir għat-*Trichinella* jew għat-TSE, jekk din issir f'konformità mad-dispożizzjonijiet stipulati rispettivament fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375, u fil-Kapitolu A tal-Anness III tar-Regolament (KE) 999/2001, il-punti 6.2 u 6.3 u l-punti 7.2 u 7.3 tal-punt II."

7. L-Anness V huwa emendat skont it-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

8. L-Anness VI huwa emendat skont it-test li jidher fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Settembru 2021.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS

L-Anness V u l-Anness VI mar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/627 huma emendati kif ġej:

(1) Fl-Anness V, il-Kapitolu I huwa sostitwit b'dan li ġej:

"KAPITOLU I

METODU TA' DETEZZJONI TAL-VELENU PARALITIKU TAL-FROTT TAL-BAĦAR BIL-QOXRA

A. Il-kontenut ta' tossini paralitici fil-frotta tal-baħar kollha kemm hi, jew fi kwalunkwe parti tal-molluski bivalvi li tittiekel waħedha, għandu jiġi ddeterminata skont il-metodu deskritt fl-Istandard EN 14526 (*), jew skont kwalunkwe metodu ieħor magħruf u vvalidat internazzjonalment li ma jinvolvix l-użu ta' annimal ħaj.

B. Il-metodi msemmija hawn fuq għandhom jiddeterminaw għall-inqas il-komposti li ġejjin:

(a) It-tossini Karbamat STX, Neo STX, il-gonjautossina 1 u 4 (l-isomeri tal-GTX1 u tal-GTX4 iddeterminati flimkien) u l-gonjautossina 2 u 3 (l-isomeri tal-GTX2 u tal-GTX3 iddeterminati flimkien);

(b) It-tossini N-sulfo-karbomil (B1), il-gonjautossina-6 (B2), N-sulfo-karbomil-gonjautossina 1 u 2 (l-isomeri tas-C1 u tas-C2 iddeterminati flimkien), N-sulfo-karbomil-gonjautossina 3 u 4 (l-isomeri tas-C3 u tas-C4 iddeterminati flimkien);

(c) It-tossini dekarbomil dcSTX, dcNeoSTX, dekarbamojlgonjautossina-2 u -3 (l-isomeri ddeterminati flimkien).

B.1. Jekk jitfaċċaw analogi ġodda tat-tossini li jidhru hawn fuq, li jkun ġie stabbilit fattur ekwivalenti għat-tossiċità (TEF) tagħhom, dawn għandhom jiddaħħlu fl-analiżi;

B.2. It-tossiċità totali tiġi espressa f'ekwivalenti ta' µg STX 2HCL/Kg u għandha tiġi kkalkulata permezz tal-fatturi ekwivalenti għat-tossiċità tagħhom (TEF), kif ġie rrakkomandat fl-aħħar opinjoni tal-EFSA jew fir-rapport tal-FAO OMS, meta jipproponi hekk il-Laboratorju ta' Referenza Ewropew għall-bijostossini marini u tan-network tiegħu ta' Laboratorji ta' Referenza Nazzjonali, u wara li dan taċċettah il-Kummissjoni Ewropea. It-TEF li jintużaw jiġu ppubblikati fis-sit web tal-Laboratorju ta' Referenza Ewropew tal-bijotossini marini (**);

C. Jekk issir oġġezzjoni għar-riżultati, il-metodu ta' referenza għandu jkun il-metodu deskritt fl-Istandard EN 14526 kif imsemmi fil-Parti A.

_____

(*) Id-determinazzjoni ta' tossini tal-grupp sassitossini fil-frott tal-baħar bil-qoxra - metodu tal-HPLC bl-użu ta' derivatizzazzjoni prekolonna bl-ossidazzjoni tal-perossidu jew tal-perjodat.

(**) http://www.aecosan.msssi.gob.es/en/CRLMB/web/home.html"

(2) Fl-Anness V, il-Kapitolu III, jitħassar il-Punt (b) tal-Parti A.

(3) Fl-Anness VI, il-Parti D tal-Kapitolu I, jiżdied paragrafu ġdid fit-tmiem:

"Għall-prodotti tas-sajd selvaġġi għandhom jiġu stabbiliti arranġamenti ta' monitoraġġ biex tkun ivverifikata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kontaminanti, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1881/2006 li jiffissa l-livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel".